**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 18 ta' Marzu 2021

Rikors Numru: 107/17/1 AL

**A B**

**vs**

**C B**

**(Att taz-Zwieġ bin-Numru Progressiv xxxx/xxxx)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat[1] tal-konvenut li permezz tiegħu ppremetta:

1. *Illi dan huwa rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta permezz ta' liema r-rikorrenti qiegħed jitlob bir-rispett lil din l-*

[1] Fol. 2.

*Onorabbli Qorti sabiex tordna l-waqfien tal-Komunjoni tal-Akkwisti li tezisti bejn il-partijiet;*

2. *Illi din it-talba tista' ssir minn kull parti li u f'kull zmien matul is-smiegħ tal-kawza ta' firda u dan skont ma jipprovdi l-Artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16;*

3. *Illi ma hemm xejn li għandu jwaqqaf lil din l-Onorabbli Qorti milli tordna l-waqfien tal-komunjoni li tezisti bejn il-partijiet f'dan l-istadju;*

4. *Illi ħadd mill-partijiet ma huwa ser ibati ebda preġudizzju u dana peress li l-partijiet illum jgħixu ħajja separata;*

*Għaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:*

i) *TORDNA l-waqfien tal-komunjoni al-Akkwisti li tezisti bejn il-mizzewġin C B u Isabella B u dana permezz ta' sentenza ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

ii) *TORDNA li din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 55(5) u li din l-ordni għandha jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti saret b'att pubbliku ai termini tal-Artikolu 55(5).*

Rat ir-risposta tal-attriċi A B[2], fejn eċċepiet:

1. *Illi jingħad li għalkemm il-partijiet għaddejin minn proċeduri ta' separazzjoni, huma għadhom qed jgħixu taħt l-istess saqaf flimkien mal-ulied u anke neputija, u nonostante dan, il-konvenut regolarment jikkrea inċidenti u sitwazzjonijiet diffiċli għall-familja kollha;*

2. *Illi jingħad li dis-separazzjoni sfortunatament hi kkaratterizzata minn nuqqas ta' kollaborazzjoni kbira da parti talkonvenut u fil-fatt bizzejjed jingħad li biex sempliċiment saret is-subizzjoni tal-konvenut, kien hemm bzonn tal-intervent tal-Qorti għax huwa beda jinjora kull notifika li kien*

[2] Fol. 5 – 7.

*qed jirċievi u jonqis milli jattendi, anke meta kien ikun obbliga ruħu jew kien debitament notifikat;*

3. *Illi fil-fatt waqt is-subizzjoni tiegħu rrizulta illi l-konvenut mhux biss qed jakkwista assi, bħal vetturi, fuq isem ħuh izda anke ħareġ mid-dar matrimonjali għadd t'oġġetti li kienu milqutin b'mandat ta' deskrizzjoni u li għalkemm suppost ma inħarġux mill-istess fond jekk mhux b'awtorizzazzjoni tal-Qorti;*

4. *Illi fil-fatt fis-subizzjoni tiegħu huwa ammetta mhux biss li ħareġ l-istess izda li anke ħadhom f'residenzi ta' familjari, li huwa inizzjalment lanqas ma ried jagħti informazzjoni dwarhom, daqslikieku dawn huma tiegħu biss u daqslikieku m'he ebda ordni minn din l-Onorabbli Qorti;*

5. *Illi sfortunatament bl-istess mod, huwa għamel arranġamenti sabiex il-paga sostanzjali li huwa għandu ma tibqax tidħollu l-bank u minflok toħroġ permezz ta' cheque fuq isem ħuh, sabiex ma tiġix sekwestrata permezz tal-mandat kawtelatorju li ġie intavolat minn martu;*

6. *Illi similarment huwa jaqbad u jnaqqas mill-manteniment likwidat minn din l-Onorabbli Qorti spejjez ta' kontijiet tad-dawl u ilma u ta' kontijiet oħra (u dan del resto kif ammess minnu tul is-subizzjoni), anke jekk suppost il-manteniment ma jintmissx minnu u anke jekk hemm disparita' kbira fid-dħul taz-zewġ kontendenti;*

7. *Illi dan huwa l-animu tal-konvenut fir-rigward tas-separazzjoni odjerna, fejn regolarment huwa jagħzel li ma jikkollaborax, jieħu l-liġi b'idejh u fl-ebda mument ma' jġib quddiem għajnejh il-fatt li martu sfortunatament għal darba, tnejn għaddiet mill-marda tal-kanċer u ċertu occorrenzi ma tiflaħx għalihom minħabba saħħitja;*

8. *Illi għaldaqstant, u minħabba dal-aġir tal-konvenut li jibqa' jippretendi li jagħmel li jrid, anke minkejja d-diversi mandati li hemm fis-seħħ, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex quddiemha prova ċara u inekwivokabbli tal-komunjoni tal-akkwisti u fil-fatt regolarment qed jirrizulta li huwa qed jaqleb assi fuq familjari tiegħu inkluz id-dħul li huwa għandu, anke jekk dan jappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti;*

9. *Illi l-esponenti għandha oġġezzjoni wkoll għat-talba ta' zewġha peress illi oltre l-introjtu li huwa għandu mal-kumpanija fejn jaħdem, ġie ppruvat li huwa anke jagħmel part time ieħor mingħajr ktieb, bħala ġardinar u konsegwentament, id-dħul tiegħu jissupera bil-bosta dak li tipperċepixxi l-esponenti li mhux biss għadha tieħu ħsieb lill-ulied, izda anke qed taħdem ferm inqas minħabba l-Imxija tal-Covid19 stante li hija persuna vulnerabbli minħabba l-history ta' saħħitha li m'huwa xejn feliċi. Tali introjtu jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u jekk ikun hemm xoljiment tal-komunjoni, l-esponenti ser tkun qed titlef sehemha minn tali introjtu, salv għall-manteniment li l-konvenut ġie ordnat iħallas u mil-liema huwa regolarment inaqqsilha spejjez ta' kontijiet tad-dar;*

10. *Illi għalhekk prezentement hemm disparita' kbira u konsiderevoli bejn l-introjtu taz-zewġ partijiet u dan stante li filwaqt li l-konvenut jaħdem b'paga konsiderevoli ta' iktar minn Eur 30,000 fis-sena (oltre l-part time), id-dħul tal-esponenti huwa dak ta' ftit iktar minn Eur8,000 fis-sena u dan kif jirrizulta mill-inkartament li diġa' jinsab in atti;*

11. *Illi f'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet Carmen Grixti vs Ivan Grixti deċiza mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Jannar 2021, f'liema ingħad illi: "Il-Qorti tosserva li huwa minnu li fiz-zwieg fejn jeżisti r-reġim tal-kommunjoni lpartijiet huma soċji indaqs, izda huwa minnu wkoll li bis-separazzjoni anke de facto s-sitwazzjoni tal-partijiet tinbidel partikolarment bhal fil-kaz prezenti fejn il-firda de facto tkun ilha zmien tezisti bejn il-partijiet. Pero` fil-każ tal-lum ma jidhirx li l-firda de facto ilha xi żmien twil. Kull każ ikollu ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u l-Qorti għandha tiddeċiedi skont il-fatti tal-każ li jkollha quddiemha"; u għaddiet biex ċaħdet it-talba għax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti. Il-kaz odjern fil-fatt, jirrizulta li l-partijiet għadhom jgixu taħt l-istess saqaf!*

12. *Illi għaldaqstant għar-raġunijiet kollha fuq esposti, jekk it-talba tal-konvenut ser tintlaqa' l-esponenti ser tkun qed issoffri preġudizzju ferm ikbar minn dak li jista' talvolta jsofri l-konvenut jekk it-talba tiegħu ma tintlaqax;*

*Tant għandha x'tissottometti l-esponenti a savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti, filwaqt li topponi għat-talba kif dedotti mill-konvenut fir-rikrs tiegħu tat-18 ta' Jannar 2021 u dan anke ai termini tal-artikolu 55(4) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat illi r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.[3]

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

***1. L-Azzjoni Odjerna:***

Il-Qorti għandha quddiemha talba min-naħa tal-konvenut C B sabiex pendenti l-kawza bejn il-partijiet tiġi xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom, hekk kif il-konvenut jallega ill *"ħadd mill-partijiet ma huwa ser ibati preġudizzju u dana peress li l-partijiet illum jgħixu ħajja separata"*.[4]

Min-naħa l-oħra, l-attriċi toġġezzjona għal din it-talba fejn in sintenzi tgħid illi *"minħabba dal-aġir tal-konvenut li jibqa' jippretendi li jagħmel li jrid, anke minkejja d-diversi mandati li hemm fis-seħħ, din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex quddiemha prova ċara u inekwivokabbli tal-komunjoni tal-akkwisti u fil-fatt regolarment qed jirrizulta li huwa qed jaqleb assi fuq familjari tiegħu inkluz id-dħul li huwa għandu, anke jekk dan jappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti"*.[5]

***2. Prinċipji Legali:***

F'dan l-istadju l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 55 subinċiz 1 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jagħtiha l-fakolta' li f'kull zmien matul is-smiegħ tal-kawza ta' firda personali, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata. L-istess Qorti trid neċessarjament tevalwa jekk xi wahda mill-partijiet tkunx ser tbati preġudizzju

[3] Fol. 8.
[4] Fol. 2.
[5] Fol. 6.

mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda u dan *ai termini* tal-Artikolu 55(4) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikolu 55 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi s-segwenti:

*"(1) Il-qorti tista', f'kull żmien matul is-smigħ tal-kawża ta' firda, fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn il-miżżewġin.*

*(2) L-ordni tal-waqfien tal-komunjoni kif imsemmi fis-subartikolu (1) għandha tingħata b'sentenza li minnha kull parti jkollha l-jedd illi tappella mingħajr ma jkun hemm ebda ħtieġa ta' permess tal-qorti għal dan.*

*(3) L-ordni ta' waqfien tkun tgħodd bejn il-miżżewġin minn dakinhar tas-sentenza tal-appell jew, jekk ma jsirx appell, minn dakinhar illi jgħaddi ż-żmien imħolli għall-appell, u tibqa' tgħodd ukoll jekk il-kawża ta' firda ma titkompliex.*

*(4) Qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-qorti għandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda.*

*(5) L-ordni ta' waqfien taħt dan l-artikolu għandha, a spejjeż tal-parti li tkun talbet dak il-waqfien, tkun notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku u dik l-ordni għandu jkollha effett daqs li kieku l-waqfien talkomunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata sar b'att pubbliku.*

*(6) Sakemm il-qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, fuq it-talba ta' waħda mill-partijiet, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li teżisti bejn ilpartijiet fil-bidu tal-kawża ta' firda, meta tagħti s-sentenza tal-firda, il-qorti għandha tordna li l-komunjoni tal-akkwisti jew il-komunjoni ta' residwu taħt amministrazzjoni separata li jkun hemm bejn il-partijiet tispiċċa mill-jum li fih is-sentenza tkun finali u konklużiva.*

*(7) Il-qorti tista' iżda, meta fil-fehma tagħha ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, tordna li beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jgħaddi dak iż-żmien wara li tispiċċa l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi.*

*(8) Kull ordni mogħti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista', għal raġuni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti."*

In sintezi, l-iskop tal-Artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta jiġi delinejat fis-sentenza fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**,[6] fejn ġie mgħallem illi: *"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…….t-talba għall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat". Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."*

Dan kompla jiġi kkonfermat riċentament fis-sentenza fl-ismijiet **Claire Pisani vs Joseph Pisani**,[7] fejn il-Qorti tal-Appell kompliet tirriafferma illi *"dak li trid il-ligi huwa li kull parti pendenti l-proceduri tas-separazzjoni jkollha l-fakolta` li jekk trid tista' titlob il-waqfien tal-komunjoni u li din it-talba m'ghandhiex tintlaqa' biss jekk il-Qorti tara li bil-waqfien tal-komunjoni parti jew ohra tkun ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat. Ghalhekk dak li hu sostanzjalment relevanti huwa d-dritt moghti lill-parti biex jaghmel talba simili u li tali talba ma tintlaqax jekk fic-cirkostanzi tal-kaz il-waqfien ser jikkaguna pregudizzju mhux proporzjonat lil parti l-ohra".*

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Dorianne Sammut vs Charles Sammut**,[8] fejn kompla jiġi affermat illi: *"Fi kliem iehor il-pregudizzju irid ikun sproporzjonat fis-sens li mhux kull pregudizzju jaghti lok ghal cahda ghat-talba in kwistjoni. Huwa evidenti ukoll li l-ghan tal-legislatur, certament konxju kemm jistghu jitwalu vertenzi simili, kien li tieqaf kemm jista' jkun malajr il-komunjoni tal-akkwisti biex ghall-inqas f'dan l-aspett, il-partijiet ikunu jistghu ikomplu jghixu hajjithom separatament gialadarba l-konvivenza bejniethom mhijiex aktar possibli. L-appellanti gia kellha erba' snin qabel id-decizjoni appellata (u issa sitt snin) biex tressaq il-provi taghha u din il-Qorti hija*

---
[6] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-28 ta' Marzu 2014.
[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-24 ta' Ottubru 2019.
[8] Deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju 2019.

*konsapevoli ukoll ta' kemm idumu ghaddejjin dawn il-vertenzi hafna drabi minhabba lusingar tal-partijiet biex iressqu l-provi kollha taghhom".*

### 3. *Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Kaz Odjern:*

Il-Qorti hija marbuta permezz tal-Artikolu 55 subinċiz 4 tal-Kodiċi Ċivili li, qabel tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti, hija għandha tezamina u tara jekk xi parti jew oħra tkunx sejra tbati xi preġudizzju mhux proporzjonat b'tali waqfien pendenti l-kawza. Għaldaqstant il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tagħmel dan l-ezerċizzju.

Fil-fehma tal-Qorti jidher illi l-argumenti mressqa mill-attriċi sabiex toġġezzjona għat-talba tal-konvenut għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huma ħamsa (5), ċjoe':

(i) Minkejja l-mandat ta' deskrizzjoni u dak ta' sekwestru kontra l-konvenut, dan tal-aħħar qiegħed jitrasferixxi numru ta' assi mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-Qorti fuq isem familjari, u l-introjtu qiegħed jidħollu permezz ta' ċekk fuq isem ħuh;

(ii) Mill-manteniment li jagħti lil martu, il-konvenut inaqqas il-kontijiet tad-dawl u ilma;

(iii) Problemi ta' saħħa li għandha l-attriċi, liema problemi fiċ-ċirkostanzi odjerni tal-pandemija tal-Covid-19 qegħdin jikkonstrinġuwha li taħdem inqas peress li hija kunsidrata bħala persuna vulnerabbli, izda kompliet tieħu ħsieb l-ulied;

(iv) L-partijiet għadhom jgħixu taħt l-istess saqaf; u

(v) Id-disparita' qawwija fl-introjtu tal-konvenut u dak tal-attriċi, u t-telf tal-attriċi mill-introjtu ta' zewġha.

Fil-fehma tal-Qorti, l-ewwel (1) argument imressaq mill-attriċi fir-risposta tagħha ma huwa xejn għajr lamentela dwar id-diffikulta' tagħha li tkun f'pozizzjoni li tistabbilixxi l-kontenut tal-kommunjoni tal-akkwisti f'kaz li t-talba tal-konvenut

tiġi akkolta, u dan ġialadarba l-konvenut qiegħed jitrasferixxi numru ta' assi fuq familjari tiegħu, inkluz l-introjtu tiegħu.

Mill-atti jirrizulta li hemm *in vigore* mandat ta' deskrizzjoni bin-numru 187/17 fil-konfront ta' C B,[9] u li nonostante tali mandat il-konvenut fix-xhieda tiegħu jikkonferma li ħa xi oġġetti mid-dar mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-attriċi jew tal-Qorti, senjatament sellum, *chaser* u kotba li jinsabu ġewwa d-dar tan-nanna tiegħu f'Ħaz-Zebbuġ.[10] Il-Qorti tara li permezz tal-mandat ta' deskrizzjoni l-attriċi kkawtelat sehemha mill-mobbli kollha li nxtraw fil-passat matul iz-zwieġ mill-komunjoni tal-akkwisti, u fi kwalunkwe kaz u mingħajr ma' l-Qorti tidħol fil-mertu dwar l-aġir tal-konvenut li jieħu l-oġġetti in kwistjoni, il-Qorti ma tarax kif dan l-aġir għandu jaffetwa l-proċedura odjerna għaliex l-attriċi dejjem ser tibqa' intitolata għas-sehem tagħha mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti qabel l-ordni tal-waqfien. Barra minn hekk, u minkejja l-fehma tal-attriċi li fil-prezent "*l-Onorabbli Qorti m'għandhiex quddiemha prova ċara u inekwivokabbli tal-komunjoni tal-akkwisti*" u dan minħabba l-aġir tal-konvenut, inkluz ix-xiri ta' van li allegatament dan ix-xiri sar minn ħu l-konvenut,[11] il-Qorti tirriafferma illi jekk tintlaqa' it-talba tal-konvenut, nonostante l-aġir tal-konvenut, l-attriċi xorta waħda ser jibqala' d-dritt li tistabbilixxi l-konsistenza ta' dawk l-assi, u dan iktar u iktar hekk kif fil-prezent hija qiegħda tissalvagwardja l-interessi tagħha bir-rimedji kawtelatorji disponibbli għaliha fil-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Barra minn hekk, l-attriċi tirrileva li hemm ukoll mandat ta' sekwestru fil-konfront tal-konvenut. Konsegwentament tirrileva illi l-konvenut *"għamel arranġamenti sabiex i-paga sostanzjali li huwa għandu ma tibqax tidħollu l-bank u minflok toħroġ permezz ta' cheque fuq isem ħuh, sabiex ma tiġix sekwestrata permezz tal-mandat kawtelatrju li ġie intavolat minn martu"*.[12] Mill-atti jirrizulta li nhar is-16 ta' Settembru 2016 il-konvenut tramite l-avukati tiegħu bagħat jinforma lil min iħadmu, ċjoe' Actavis Limited, sabiex jibda jitħallas mensilment permezz ta' ċekkijiet u dan in vista li jinsab għaddej minn proċeduri ta' separazzjoni personali.[13] Madanakollu, ir-rapprezentant tal-kumpanija Actavis Ltd fix-xhieda tiegħu ta' nhar id-29 ta' Mejju 2019, ikkonferma li l-konvenut tħallas permezz ta' ċekkijiet għal perjodu bejn Settembru 2016 sa Frar 2019, u

[9] Fol. 688 – 691 tal-proċess bin-numru 107/2017 AL.
[10] Fol. 998 – 999 tal-proċess bin-numru 107/2017 AL.
[11] Fol. 5 tal-proċess bin-numru 107/17/1 AL, u fol. 1002 tal-proċess bin-numru 107/17 AL.
[12] Fol. 5.
[13] Fol. 936 tal-proċess bin-numru 107/17 AL.

dan għaliex kienet inħarġet direttiva mill-kumpanija stess li l-impjegati ma setgħux jitħallsu permezz ta' ċekkijiet; b'hekk il-konvenut ġie infurmat b'din id-direttiva u beda jitħallas b'*direct payment* fil-kont bankarju tiegħu.[14] Barra minn hekk, l-istess rapprezentant ikkonferma ukoll illi matul l-imsemmi perjodu, iċ-ċekkijiet kienu jinħarġu fuq isem il-konvenut stess.[15] Għaldaqstant, din il-kwistjoni tidher li ġiet sorvolata hekk kif il-konvenut m'għadux jitħallas b'ċekk, u l-manteniment *pendente lite* tal-attriċi skont id-digriet tas-26 ta' Lulju 2018 qiegħed jitħallas direttament mill-kumpanija li magħha jaħdem il-konvenut lill-attriċi.[16]

Għaldaqstant il-Qorti ma tikkondividix l-argument tal-attriċi illi t-talba għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti m'għandhiex tiġi milqugħa abbazi tal-aġir tal-konvenut għaliex hija ser tkun qiegħda tbati minn preġudizzju sproporzjonali. F'dan l-istadju l-Qorti tħoss li huwa opportun li tirribadixxi l-pozizzjoni tal-Qrati nostrana fir-rigward tal-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti matul il-kawza ta' firda personali, fis-sens illi *"s-sentenza appellata tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat u ma taffettwax l-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti sad-data tal-ordni ghall-waqfien"* - liema insenjament ġie riċentament ikkonfermat mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ottubru 2019 fis-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**. Għaldaqstant, wieħed irid izomm f'moħħu illi meta si tratta l-materja in kwistjoni, ma hemmx lok li ssir lamentela dwar in-nuqqas ta' kjarezza dwar dak li sal-prezent jistabbilixxi l-komunjoni tal-akkwisti għaliex l-elenku jew in-nuqqas tiegħu ta' dak li jifforma parti mill-komunjoni huwa estranju għall-proċeduri in dizamina.

Fir-rigward tat-tieni (2) u t-tielet (3) oġġezzjoni, il-Qorti hija tal-fehma illi l-argumenti mresqa f'forma ta' oġġezzjoni da parti l-attriċi għat-talba kif dedotta mill-konvenut huma f'dan l-istadju irrelevanti. Il-kwistjoni ta' problemi ta' saħħa, u l-ħlas ta' kontijiet ma jiċċentrawx fil-kwistjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u f'kaz li tintlaqa' t-talba tal-konvenut, l-attriċi mhix ser isofri minn preġudizzju sproporzjonali. L-argument tal-attriċi li ma tistgħax taħdem iktar minħabba l-problemi ta' saħħa, jekk xejn, jista' jitqies bħala motiv għall-awment fil-manteniment pagabbli għaliha nnifisha, milli bħala raġuni għaliex il-komunjoni tal-akkwisti għandha tibqa' viġenti bejn il-partijiet. Min-naħa l-oħra u fir-rigward tal-argument tal-attriċi illi l-konvenut jnaqqas il-kontijiet tad-dawl u ilma mill-

[14] Fol. 897 – 902 tal-proċess bin-numru 107/17 AL.
[15] *Ibid.*
[16] Fol. 851 tal-proċess bin-umru 107/17 AL.

manteniment *pendente lite* dovut lilha, il-Qorti lanqas ma tara li tali argument għandu jimpedixxi l-waqfien tar-reġim izda pjuttost jagħti lok *se mai* sabiex tali kwistjoni tiġi indirizzata u rizolta quddiem il-Qorti billi jingħata provediment f'dan ir-rigward. Għaldaqstant, il-Qorti ma tarax kif dawn iz-zewġ argumenti ppruvaw illi l-attriċi ser tiġi preġudikata sproporzjonalment f'kaz li tiġi terminata l-komunjoni tal-akkwisti.

Dwar ir-raba' (4) u l-ħames (5) oġġezzjoni, il-Qorti tara li dawn jistgħu jiġu trattati flimkien, liema zewġ oġġezzjonijiet fil-fehma tal-Qorti huma l-iktar relevanti ai fini tat-talba odjerna. F'dan is-sens l-attriċi tilmenta illi jekk tiġi akkolta t-talba tal-konvenut, dan tal-aħħar ser igawdi l-frott tal-ħidma tiegħu mingħajr ma jaqsam l-istess frott mal-attriċi. F'dan ir-rigward, l-attriċi tittenta tiġġustifika l-pozizzjoni tagħha billi tgħid illi tezisti diskrepanza qawwija bejn l-introjtu tagħha u dak tal-konvenut.[17] F'dan il-kuntest, din il-Qorti kellha l-opportunita' li tesprimi l-ħsibijiet tagħha f'kazijiet oħra, fejn ġie mgħallem illi:

*"Il-Qorti hija tal-fehma li dak li qed tibża' minnu l-intimata ma jikkostitwiex preġudizzju mhux proporzjonat. Din il-Qorti dejjem uriet il-fehma li huwa propju fl-ambitu u fl-iskop tal-liġi illi meta l-ħajja miżżewġa tal-partijiet tispiċċa, konjuġi ma jibqax igawdi l-frott tal-ħidma tal-konjuġi l-ieħor. Huwa dan l-iskop, jew wieħed mill-iskopijiet, għall-waqfien tal-komunjoni fi stadju bikri tal-proċeduri tal-firda, għaliex jista' jkun ta' preġudizzju għal konjuġi wieħed jekk il-komunjoni tal-akkwisti tibqa' viġenti u l-konjuġi l-ieħor jibqa' jgawdi l-frott tal-ħidma tal-ewwel konjuġi, minkejja li l-ħajja matrimonjali bejniethom tkun spiċċat;[18] Dana naturalment mingħajr ebda preġudizzju għal kwalsiasi manteniment li jista' jkun dovut.*

*M'hemm l-ebda dubju li fil-każ odjern, il-ħajja matrimonjali tal-partijiet spiċċat u llum jinsabu jgħixu indipendentement minn xulxin. Kienet l-attriċi nnifisha li rrikonoxxiet dan meta ntavolat il-proċeduri odjerni għas-separazzjoni personali*

[17] L-introjtu gross annwali tal-konvenut fuq bazi *full-time* mal-kumanija Actavis Ltd, skont l-FS3 għas-sena bazi 2017 hija dik ta' €24,546, a fol. 778. Madanakollu jidher li l-konvenut għandu ukoll impjieg fuq bazi *part-time* bħala ġardinar ma' John Giordmaina, izda dan ma huwiex xogħol dikjarat, u għal għoxrin (20) siegħa xogħol fix-xahar jitħallas mitt Ewro (€100), u dan kif ikkonfermat mill-konvenut stess fix-xhieda tiegħu tal-25 ta' Settembru 2020, a fol. 994 tal-proċess bin-numru 107/17 AL, u minn John Giordmaina stess fix-xhieda tegħu ta' nhar it-30 ta' Mejju 2019, a fol. 890 – 896 tal-proċess bin-numru 107/17 AL. Min-naħa l-oħra, l-introjtu gross annwali tal-attriċi bħala *sales person* ma' Leisure Stores Ltd, skont l-FS3 għas-sena bazi 2017 hija dik ta' €8,200, a fol. 832 tal-proċess bin-numru 107/17 AL.

[18] Deċiżjoni ta' din il-Qorti fil-kawża **Stephanie Attard vs. Kenneth Attard**, Rikors Numru: 188/15/2AL, deċiża fis-26 t'Ottubru 2016; kif ukoll **Pierre Darmanin vs. Louise Darmanin**, Rikors Numru: 176/16/1AL, deċiż fit-30 ta' Jannar 2017;

*tal-partijiet. Fil-fehma tal-Qorti, f'dawn iċ-ċirkostanzi fejn il-ħajja matrimonjali bejn il-partijiet spiċċat, u m'hemmx wisq prospett ta' rikonċiljazzjoni bejniethom, tant li l-medjazzjoni bejniethom ma rnexxietx, l-attriċi m'għandhiex tibqa' tippretendi nofs l-introjtu ta' żewġha u dan irrispettivament u indipendentement mill-fatt li prima facie jirriżulta li hija għandha titħallas manteniment mingħandu".*[19]

Fil-fatt jingħad illi l-Qorti tal-Appell, filwaqt li kkonfermat il-ħsieb surreferit ta' din il-Qorti, kif presjeduta, kompliet izzid illi:

*"Il-Qorti tosserva li huwa minnu li fiz-zwieg fejn jezisti r-regim tal-kommunjoni l-partijiet huma socji indaqs, izda huwa minnu wkoll li bis-separazzjoni anke de facto s-sitwazzjoni tal-partijiet tinbidel partikolarment bhal fil-kaz prezenti fejn il-firda de facto tkun ilha zmien tezisti bejn il-partijiet".*[20]

Il-Qorti tevalwa li l-attriċi, fir-risposta tagħha, tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Carmen Grixti vs Ivan Grixti**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar l-14 ta' Jannar 2021, u tiċċita parti mill-bran ta' din is-sentenza u tittenta taġġusta l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Appell bl-iskop li taġevola l-argument tagħha fis-sens illi toħloq paragun bejn il-fattispeċji odjerni u dawk tal-kaz tal-konjuġi Grixti. Il-Qorti tal-Appell, fil-kaz tal-konjuġi Grixti, filwaqt li osservat l-insenjament kif enunċjat fis-sentenza **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**, iddeċediet illi l-komunjoni tal-akkwisti m'għandhiex tiġi xolta u dan in vista taċ-ċirkostanzi partikolari tal-kaz tal-konjuġi Grixti, inkluz il-fatt li ma kienx jidher li l-firda *de facto* tagħhom kienet ilha xi zmien twil. Fil-kaz odjern, l-attriċi tagħzel li tiċċita b'mod selettiv parti mis-sentenza tal-konjuġi Grixti, filwaqt li tinjora b'mod assolut il-fattispeċji partikolari ta' dak il-kaz liema fattispeċji huma intrinsikament differenti minn dawk odjerni, u tagħti x'tifhem illi ġialadarba l-Qorti tal-Appell ddeċediet li ma tterminax l-komunjoni tal-akkwisti tal-konjuġi Grixti minħabba l-fatt li s-separazzjoni *de facto* tagħhom ma kienetx ilha tissussisti għal zmien twil, għaldaqstant lanqas ma għandha tiġi tterminata l-komunjoni tal-akkwisti tal-kontendenti odjerni in vista li l-partijiet għadhom addirittura jgħixu taħt l-istess saqaf.

[19] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**, deċiża mill-Qorti tal-Familja, kif prejeduta, nhar il-15 ta' Marzu 2018.
[20] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar l-24 ta' Ottubru 2019.

Il-Qorti ma taqbilx ma' dan l-argument tal-attriċi, fejn l-attriċi bħal donnha tittenta tiskredita l-fatt illi l-partijiet għandhom ħajja indipendenti minn xulxin. Madanakollu fil-fehma tal-Qorti, u minkejja li mill-atti jirrizulta li l-partijiet jgħixu teknikament fl-istess dar, jibqa' l-fatt li l-attriċi tirrisjedi ġewwa d-dar filwaqt li l-konvenut jgħix ġewwa l-*basement,* u ilhom jgħixu hekk sa mill-2013 u ċjoe' għal dawn l-aħħar seba' (7) snin.[21] Dan it-tip ta' għixien, zgur mhux forsi, ma jistabbilixxix għaqda u unita' fil-familja, izda huwa sempliċiment arranġament bejn il-partijiet fejn inħoloq metodu alternattiv ta' zewġ residenzi mingħajr ma' wieħed mill-partijiet inkorra spejjez ulterjuri, bil-konsegwenza li l-partijiet qegħdin indubjament jgħixu separati *de facto* minn xulxin izda taħt l-istess saqaf. Barra minn hekk, il-Qorti tissottolineja li kien kliem l-attriċi stess fl-affidavit tagħha li jikkonferma l-ħajja indipendenti li jgħixu minn xulxin hi u zewġha.[22]

Għaldaqstant u fil-parametri tal-insenjamenti surreferiti, l-Qorti hija konvinta li in vista li l-partijiet ilhom zmien twil jgħixu separatament minn xulxin minn kull aspett tal-ħajja, ċjoe' għal sebgħa (7) snin,[23] ma tarax li l-attriċi għandha tkompli tibbenefika mill-frott tal-ħidma tal-konvenut. Huwa kristallizzat illi l-ħajja mizzewġa tal-partijiet spiċċat u lanqas ma jidher li tezisti xi prospettiva ta' rikonċiljazzjoni. Għalkemm l-attriċi taqla' introjtu inqas minn dak tal-konvenut u kif ukoll li fil-prezent qiegħda tibbenefika minn manteniment *pendente lite*, dan ma għandux jfissirx illi l-komunjoni tal-akkwisti għandu tabilfors jibqa' jadopera, jew li jekk jitwaqqaf dan ir-reġim hija ser issofri minn preġudizzju sproporzjonat. Barra minn hekk mill-atti ma jirrizultax illi hemm xi dejn gravanti l-komunjoni tal-akkwisti.

Il-prinċipju kif ribadit fis-sentenzi fl-ismijiet **Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi** u **Claire Pisani vs Joseph Pisani**, ċitati *supra*, u ċjoe' li min ikun qiegħed jallega li ser isofri preġudizzju mhux proporzjonat għandu jġib tali prova, għandu japplika ukoll għar-rikors odjern. Il-Qorti ma tinsabx sodisfatta li l-attriċi resqet

[21]Ara l-affidavit tal-attriċi maħluf nhar it-18 ta' Ottubru 2017, a fol. 64 tal-proċess bin-numru 107/17 AL: *"Nispjega illi zewġi ilu jgħix fil-basement għal dawn l-aħħar erba' snin u dejjem jiftaħar li fil-basement qiegħed komdu".*

[22]Ara l-affidavit tal-attriċi maħluf nhar it-18 ta' Ottubru 2017, a fol. 64 tal-proċess bin-numru 107/17 AL: *"Baqa' jgħix fid-dar matrimonjali billi irranġa l-basement tad-dar u xtara cooker zghir, beda jagħmel il-bzonnijiet tiegħu f'barmil u joħroġ jarmih barra t-triq u jorqod hemm isfel; filwaqt li l-ħwejjeġ baqa' jtihom lili biex naħsilhomlu!".*

[23] Jingħad illi fil-kawza **Elizabeth Spiteri vs Carmelo Spiteri**, deċiza minn din il-Qorti, kif resjeduta nhar il-15 ta' Marzu 2018, u sussegwentament konfermata mill-Qorti tal-Appel nhar l-24 ta' Ottubru 2019, il-konjuġi kienu ilhom separate *de facto* minn xulxin għal erba' (4) snin, u l-Qorti tal-Appell kienet tal-fehma li dan il-perjodu ta' erba' (4) snin jikkwalifika bħala perjodu twil fit-termini ta' separazzjoni *de facto.*

dik il-prova sal-grad rikjest mil-liġi illi hija verament ser isofri minn preġudizzju sproporzjonat f'kaz li jitwaqqaf il-komunjoni tal-akkwisti. Fis-sentenza **Jael Cassar vs Robert Cassar**,[24] ġie ritenut illi *"Eżami tal-artikolu 55(4) juri illi mhux kull preġudizzju li tista' tivvanta xi parti b'opposizzjoni għal sentenza in parte għall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jikkwalifika bħala ostakolu għall-pronunzja ta' tali sentenza. Is-sub-inċiż 4 tal-Artikolu 55 jipprovdi illi l-Qorti għandha tippronunzja l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel is-sentenza finali kemm-il darba xi parti ma tkunx ser tbati "preġudizzju mhux proporzjonat".*

Tenut kont taċ-ċirkostanzi, il-Qorti tara pjuttost illi tali terminazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti abbazi ta' dak dikjarat mill-konvenut fir-rikors odjern, ser tkun ta' benefiċċju għaz-zewġ partijiet. Għalhekk, il-Qorti hi tal-fehma li effettivament jekk il-Qorti tilqa' t-talbiet tal-konvenut ebda mill-partijiet mhu ser isofri xi preġudizzju mhux proporzjonat u dan peress li kif diġa' ġie premess iktar 'il fuq, kull parti tista' tkompli tressaq l-provi rigward l-assi, kemm dawk parafernali u kif ukoll dawk appartenenti lill-komunjoni tal-akkwisti, fejn konsegwentament il-Qorti tgħaddi sabiex tipprovdi rigward dan fis-sentenza finali meta tigi biex tillikwida u tassenja l-assi formanti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, wara li jkunu nġabru l-provi kollha.

Il-Qorti tirrienfasizza li *"il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghall-futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qedghin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici"* u dan kif ġie mgħallem fis-sentenza fl-ismijiet **Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**.[25] Dak li kien jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, għad irid jiġi deċiz, likwidat u assenjat mill-Qorti fid-deċizjoni finali tagħha wara l-ġbir tal-provi kollha.

**DEĊIDE:**

Għaldaqstant u fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet b'mod immedjat u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-

[24] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) nhar it-3 ta' Diċembru 2013.
[25] Deċiza mill-Qorti tal-Appell nhar it-30 ta' Ottubru 2015.

Kodiċi Ċivili, b'dana illi r-reġim matrimonjali li għandu japplika bejn il-partijiet mill-ġurnata li din is-sentenza tgħaddi in ġudikat huwa dak tas-separazzjoni tal-beni;

2. Tilqa' it-tieni talba u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fi zmien ġimgħa minn mindu din is-sentenza preliminari tgħaddi in ġudikat, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bl-istess sentenza sabiex ikun jista' jirreġistraha ai termini tal-Artikolu 55 subinċiz 5 tal-Kodiċi Ċivili.

L-ispejjez ta' din is-sentenza *in parte* jibqgħu rizervati għall-ġudizzju finali.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Ft. Rita Vella Baldacchino
Deput Registratur